TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 7/14-F

**Mark Piscopo**

**vs**

**Adam Farrugia għan-nom ta' Fresh & Clean Laundry Service**

Illum 1 t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Jannar, 2014 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mija u tmienja u tmenin ewro (€188), rappreżentanti prezz ta' *suit* illi wara li ħadha għad-*dry cleaning*, il-ġakketta ġiet rovinata.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *suit* għall-prezz ta' mija u tmienja u tmenin ewro (€188) mingħand il-Bortex Ltd, u wara li libisha darba, dan ħadha għal *dry cleaning* u l-ġakketta ma baqgħetx bl-istess forma. Illi minkejja li sar tentattiv sabiex titgħadda, din xorta baqgħet bl-istess problema.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, kellu l-oppotunita' li jara s-*suit* u jinnota illi vera kien hemm il-problemi fiha. It-Tribunal, pero' mhuwiex konvint illi l-problema tirriżulta minn fejn inxtrat imma mill-proċess tad-*dry cleaning*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' mitt ewro (€100), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**